MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2002

Citazzjoni Numru. 125/2000/1

Citazzjoni numru 125/00

Joseph Vella

-vs-

Gregory Grech u Salvu Grech

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:

“illi l-konvenuti pprezentaw rikors fir-Registru tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, fid-dsatax (19) ta’ Gunju elfejn (2000), f’liema rikors il-konvenuti talbu s-subbasta tal-proprjeta’ immobbli ta’ l-atturi u cioe’ tal-proprjeta’ illi ggib l-isem “Molly Farmhouse”, Triq ir-Rabat, Marsalforn, Ghawdex, sabiex mir-rikavat ikun jista’ jithallas il-kreditu tal-konvenuti;

illi l-kreditu tal-konvenuti jammonta ghas-somma ta’ elf tmien mija u hames liri Maltin (Lm1805), kif ukoll l-interessi mid-data tas-sentenza favur il-konvenuti citazzjoni numru 65/00 fl-ismijiet “Gregory Grech u Salvu Grech vs Joseph Vella”; li ggib id-data disgha (9) ta’ Mejju elfejn (2000) u l-ispejjez gudizzjarji ta’ l-istess kawza;

illi l-valur tal-proprjeta’ immobbli illi fuqha giet mitluba s-subbasta jeccedi ferm il-kreditu tal-konvenuti stante illi l-proprjeta’ imsemmija ghandha valur ferm akbar mill-kreditu tal-konvenuti;

illi l-attur huwa sid ta’ diversi oggetti mobbli illi jistghu jaghmlu tajjeb ghall-kreditu tal-konvenuti kif jigi ppruvat waqt is-smiegh tal-kawza, liema oggetti mobbli jinkludu zewg settijiet tas-salott, tliet settijiet tal-televizjoni, diversi appliances tal-kcina bhal refrigerator u cooker, washing machine, computer, tlett ikmamar tas-sodda;

illi l-konvenuti jistghu jigu ampjament sodisfatti ghall-kreditu taghhom bil-bejgh bis-subbasta ta’ dawn id-diversi oggetti mobbli stante illi l-kreditu taghhom huwa ta’ ammont relattivament zghir;

illi skond l-Artikolu tliet mija u tlieta u hamsin sub artikolu wiehed (Art. 353 (1) tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedur Civili, Kap tnax (12) tal-Ligijiet ta’ Malta “Kemm-il darba d-debitur jipprezenta ghall-irkant hwejjeg mobbli li jkunu bizzejjed biex bihom jista’ jithallas il-kreditur minghajr l-ebda xkiel jew tfixkil, l-irkant ta’ l-immobbli jigi imwaqqaf”.

Illi l-attur irid li jipprevalixxi ruhu mill-opportunita’ li jaghtih dan l-artikolu u joffri oggetti mobbli sabiex bil-bejgh taghhom jigi sodisfatt il-kreditu tal-konvenut.

Talab ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti:

1. tordna t-twaqqif tal-bejgh bis-subbasta tal-proprjeta’ immobbli ta’ l-attur u cioe’ “Molly Farmhouse”, Tri qir-Rabat, Marsalforn, Ghawdex;

2. tordna illi l-kreditu tal-konvenuti jigi sodisfatt minn diversi oggetti mobbli proprjeta’ ta’ l-attur;

3. bl-ispejjez tal-prezenti u l-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-attur u l-lista tax-xheida annessa;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li biha eccipew:

1. illi fl-ewwel lok, din mhix il-procedura korretta stabbilita mill-Kodici ta’ Procedura sabiex debitur joffri proprjeta’ ohra in sostituzzjoni ta’ dik illi tkun qed tigi subbastata. Skond il-prassi kostantissima fil-Qrati taghna, offerta bhal din dejjem saret permezz ta’ rikors u mhux citazzjoni.

2. Illi ghaldaqstant l-ispejjez ta’ din il-kawza ghandhom fi kwalunkwe kaz jigu sopportati mill-attur odjern stante illi l-istess kawza giet prezentata inutilment;

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, uhud mill-mobbli offerti ghas-subbasta jinkwadraw ruhhom fil-lista ta’ mobbli illi ma jsitghux jigu irkantati ghaliex jinkwadraw ruhhom fost is-sodod u dawk l-affarijiet tal-kcina u l-ghamara li jitqiesu ragjonevolment mehtiega ghall-ghejxien b’mod dicenti tad-debitur u tal-familja tieghu a tenur ta’ l-artikolu 304(a) tal-Kap 12; mentri hud mill-mobbli ohra ma humiex proprjeta’ esklussiva ta’ l-attur odjern, u ghalhekk it-talba kif dedotta ma tistax tigi milqugha.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut annessa l-lista tax-xhieda.

Rat is-sentenza preliminari taghha tat-2 ta' Ottubru 2001.

Rat l-atti u d-dokuemnti kollha.

Ikkunsidrat:

L-attur debitur qieghed jitlob it-twaqqif tal-bejgh bis-subbasta tal-proprjeta' immobbli tieghu rikjesta mill-konvenut kreditur tal-fond "Molly Farmhouse", Triq ir-Rabat, Marsalforn, Ghawdex. Qieghed jibbaza t-talba tieghu fuq l-iskorta ta' l-Artikolu 353 (1) tal-Kap 12 stante li kif inghad fil-premessi tac-citazzjoni tieghu, huwa sid ta' diversi oggetti mobbli illi jistghu jaghmlu tajjeb ghall-kreditu tal-konvenut kreditur "kif jigi ppruvat waqt is-smiegh tal-kawza".

Ili l-artikolu fuq citat jiddisponi li "kemm-il darba d-debitur jipprezenta ghall-irkant hwejjeg mobbli li jkunu bizzejjed biex bihom jista' jithallas il-kreditur bla ebda xkiel jew tfixkil, l-irkant ta' l-immobbli jigi imwaqqaf".

Illi hi l-fehma ta' din il-Qorti li l-kliem operattivi fl-imsemmi artikolu huma kontenuti fl-espressjoni "bla ebda xkiel jew tfixkil" li jippresupponu li l-prova li dan jista' jsir skond kif tirrikjedi l-ligi hi fuq l-attur. Naturalment jehtieg ukoll li hu jiprova li l-oggetti in sostituzzjoni huma bizzejjed biex jissodisfa l-kreditu pretiz mill-kreditur li ghandu jinghad hu wiehed kanonizzat.

Illi mill-atti hu palesi illi l-attur debitur, ghalkemm moghti l-opportunita' u f'diversi okkazzjonijiet, naqas li jaghmel il-prova. Anzi jidher car illi kemm ilha pendenti l-kawza (cirka sena u sitt xhur) qatt ma sab il-hin li jkun prezenti personalment.

Illi rigward l-ispejjez fl-ebda kaz ma ghandu l-konvenut kreditur ibati xi spejjez billi kulma sar gie provokat mill-attur, bhala debitur, fl-interess tieghu biss.

Ghal dawn il-motivi.

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tichad id-domandi attrici bl-ispejjez kollha, anke dawk ta' l-ewwel sentenza, kontra l-istess attur.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
Ghar-Registratur

Vera kopja

D/Registratur

--------------------------------TMIEM--------------------------------